MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 179/2014

**A B C**

**vs**

**L-Avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo li permezz tad-digriet datat 10 ta' Lulju 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D E C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B C li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"A. Dikjarazzjoni tal-Fatti.

1. Illi l-partijiet kkuntrattaw iz-zwieg bejniethom fil-5 ta' Settembru 2005 skond ic-certifikat taz-zwieg taghhom;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment billi 1-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante li huwa abbanduna lil martu u fil-fatt dan 1-istess D E C halla Malta u mhux maghruf fejn dan qieghed u dana kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti permezz tad-Digriet appositu tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), Digriet Numru 1611/14 (Ittra Numru 966/14);

5. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-attrici.

B. Raguni Ghat-Talbiet f’Dawn il-Proceduri

1. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment billi 1-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante li huwa abbanduna lil martu u fil-fatt dan 1-istess D E C halla Malta u mhux maghruf fejn dan qieghed u dana kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk qed tintalab is-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

C. Talbiet Attrici

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-attrici titlob li dina 1-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, joghgobha:

2. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' 1-konvenut;

3. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment xieraq lill-attrici;

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attrici u tiffissa d-data meta dan sehh. Tiddikjara fic-cirkostanzi li l-konvenut iddekada u m'huwiex intitolat jitlob jew jippercepixxi ebda forma ta' manteniment minghand l-attrici.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tiffissa d-data meta dan effettivament sehh ix-xoljiment tal-komunjoni. Tassenja porzjon lill-attrici u porzjon lill-konvenut ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora 1-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill- eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u mmobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti.

7. Tordna li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjom taghha ta' xebba u cioe' Moreles.

Bl·ispejjez kollha inkluzi dawk tal-Medjazzjoni kontra 1-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati ghall-assenti li taqra kif gej:-

"Illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza; u kif ir-rikorrenti tghaddilhom kull taghrif li ghandha – l-ahhar indirizz – ta' zewgha D E C huma jaghmlu l-almu taghhom biex jaqbdu mieghu halli jaghmlu dmirhom kif imiss".

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Fl-affidavit taghha[1] l-attrici taghti rendikont tal-problemi kbar li rriskontrat fil-hajja matrimonjali taghha mal-konvenut. L-attrici ltaqghet mal-konvenut, suldat Amerikan man-navy, meta niezel Malta ghal ftit jiem minn fuq vapur tan-navy Amerikana li waqaf Malta fi triqtu lejn l-Iraq. Wara li salpa minn Malta l-partijiet baqghu f'kuntatt ma' xulxin. Sussegwentement gie stazzjonat f'Napli u kienu iltaqghu xi erba' darbiet f'temp ta' sena meta staqsiha sabiex jizzewgu. Peress li ma kinitx ghada certa minn din ir-relazzjoni l-attrici telghat tghix mal-konvenut f'Napli, izda peress li ma kienux mizzewgin in-Navy Amerikana ma ppermettilhomx li jghixu fil-bazi Amerikana, dahlu f'kirjiet ghojin filwaqt li l-paga tal-konvenut ma kinitx isservihom. Saret taf illi jekk jizzewgu setghu jghixu fil-bazi Amerikana u l-konvenut kien jiehu diversi beneficcji finanzjarji. Kien ghalhekk li ddecidew li jizzewgu f' Napli. Il-hajja matrimonjali tal-attrici kienet karatterizzata minn perijodi twal ta' assenza fit-tul da parti tal-konvenut.

Fis-sena 2009 l-konvenut gie stazzjonat il-Gappun fejn l-attrici damet tlett snin. Kien fis-sena 2012 meta l-konvenut gie arrestat fuq akkuza li kien qed jara pornografija tat-tfal. It-taqsima tal-investigazzjoni kriminali navali Amerikana spiccaw ghamlu tfittxija fid-dar fejn kienet tghix l-attrici u elevaw il-kompjuters li kien hemm.

Il-konvenut cemplilha minn fejn kien arrestat u ammetta maghha li kien ilu snin jara l-pedopornografija, snin qabel ma zzewgu. Huwa qalilha li dan kien kagun ta' abbuz li kien sofra meta kien zghir.

L-ghada stess li gara dan kollu l-attrici telqet mill-Gappun u rritornat Malta. Tghid hekk: "Fi Frar 2012 jien tlaqt mill-Gappun lura ghal Malta. Sadanittant D intbghat arrestat lejn l-Amerika u minn dakinhar 'l quddiem qatt ma ergajt rajtu u qatt ma ircevejt l-ebda 'support' finanzjarju minghandu.".

Ikkunsidrat.

[1] Fol. 21

Ezaminata t-testimonjanza mhux kontestata tal-attrici jirrizulta bl-aktar mod car illi z-zwieg tal-partijiet kien nieqes minn dak kollu li jaghmel zwieg seren. Sa certu punt zwieg ma' bahri per necessita' jimporta perijodi twal ta' assenza. Ghalhekk il-perijodi twal ta' assenza mid-dar matrimonjali tal-konvenut ma jistghux jitqiesu bhala nuqqas da parti tal-konvenut.

Li kisser effettivament iz-zwieg tal-partijiet kienu l-proceduri li ttiehdu kontra l-konvenut fuq akkuzi ta' pedopornografija. Mill-mument li l-konvenut gie arrestat waqt li l-konvenut kien stazzjonat il-Gappun il-partijiet ma regghux iltaqghu.

L-attrici kkonfermat bil-gurament taghha illi l-konvenut ammetta maghha li l-akkuzi fil-konfront tieghu ta' pedopornografija kienu fondati.

L-attrici titlob li jigi dikjarat illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment f'Awissu 2011. Jirrizulta li din it-talba hija gustifikata.

Fl-udjenza tat-2 ta' Gunju 2015 l-attrici kkonfermat dak li xehdet fl-affidavit u cioe' illi ma hemmx assi tal-komunjoni x'jigu divizi. Inoltre ddikjarat li ma kellha l-ebda pretensjoni ta' manteniment fil-konfront tal-konvenut.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati u tiddeciedi t-talbiet attrici bil-mod kif gej:-

1. Tilqa l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazjoni personali bejn il-partijiet u dan minhabba tortijiet esklussivament imputabbli lill-konvenut D E C.

2. Tqis it-tieni talba attrici bhala ceduta.

3. Tilqa' t-tielet talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut il-penalitajiet kollha kontemplati fl-artikoli 48 et seq. tal-Kap. 16. B'mod partikolari tiddikjara li l-konvenut tilef id-dritt li jiret lill-attrici u tilef id-dritt li jitlob manteniment minghandha. Tiffissa l-1 ta' Awissu 2011 bhala d-data li fiha z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser tort tal-konvenut.

4. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'effett mill-1 ta' Awissu 2011. In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-attrici f'dawn il-proceduri, tiddikjara illi ma hemmx assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti x'jigu likwidati u divizi.

5. Tichad il-hames talba.

6. Tilqa' s-sitt talba' u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha "B".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut D E C b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------